Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 619/1975/1

Carmelo u b'digriet tat-12 ta' Marzu 1993 stante l-mewt ta' Carmelo Agius l-atti gew trasfuzi f'isem Alfred, Joseph, Charles u Lucy mart Reginald Caruana ahwa Agius, Joseph u b'digriet tas-16 ta' Settembru 2003 l-atti gew trasfuzi f'isem Thereza armla ta' Giuseppe Agius fil-kwalita` taghha ta' uzufruttwarja ta' l-assi ereditarji ta' l-imsemmi zewgha u Joseph, Marie Louise mart Joseph Grech u Josephine mart George Abela eredi ta' l-imsemmi missierhom Giuseppe Agius li miet fil-mori tal-kawza, Anthony, Mary u b'digriet tal-10 ta' Mejju 2005 l-atti gew trasfuzi f'isem Effrestina Agius, Effrestina, ahwa Agius, u Alfred Agius bhala prokuratur ta' George Agius imsiefer skond prokura annessa Dok A u b'digriet tal-10 ta' Mejju 2005 l-atti gew trasfuzi f'isem Michael u Sandro ahwa Agius u b'digriet tat-18 ta' Gunju 2007 Maurice Agius gie nominat kuratur biex jidher ghall-assenti George Agius

vs

Paolina mart Joseph Buttigieg u b'digriet tad-19 ta' Jannar 2010 stante l-mewt ta' Paolina Buttigieg l-atti gew trasfuzi f'isem Carmen Borg, Maria Brincat, Patrick Buttigieg (u

b'digriet tat-12 ta' Frar 2007 l-atti gew legittimati billi minflok l-imsemmi Patrick Buttigieg assumew l-atti l-konvenuti l-ohra Carmen Borg, Maria Brincat u Emmanuel Buttigieg)  u Emmanuel Buttigieg, u lill-istess Joseph Buttigieg bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni tal-atturi li biha ippremettew:

Illi l-kontendenti huma wlied il-mejtin Giuseppe Agius u Maria Concetta Agius nee` Sciberras li mietu rispettivament fit-28 ta' Ottubru 1971 u fil-5 ta' Gunju 1948;

Illi l-imsemmija konjugi Agius ghamlu testment '*unica charta*' fl-24 ta' Gunju 1943 (Dok B) fl-atti tan-Nutar Carlo Micallef De Caro, li bih iddisponew minn gidhom ghal wara mewthom, bil-fakolta` reciproka li s-superstiti fosthom ikun jista' jbiddel rigward l-assi tieghu proprju.

Illi wkoll li b'testment iehor tas-6 ta' Awissu 1952 (Dok C) fl-atti tan-Nutar Dottor Antonio Galea, it-testatrici Maria Concetta Agius iddisponiet diversament minn dak li ordnat precedentement;

Illi wkoll li b'testment iehor tal-31 ta' Jannar 1958 (Dok D) fl-atti tan-Nutar Dottor Antonio Galea it-testatrici ikkorregiet it-testment precedenti u ghamlet disposizzjonjiet addizzjonali;

Illi wkoll li l-kontendenti ma riedux jibqghu fi stat ta' komunjoni bejniethom u meta interpellaw lill-konvenuti biex jersqu ghal-likwidazzjoni bonarja u divizjoni ta' l-imsemmi wirt tal-konjugi Agius, genituri taghhom, dawn qanqlu hafna diffikultajiet u baqghu ma waslux;

L-atturi talbu lill-Qorti:

1. Tillikwida l-komunjoni ezistenti bejn l-imsemmija konjugi Agius billi tiddikjaraha konsistenti f'dawk il-beni li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

2. Tiddividi l-komunjoni kif likwidata f'zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati porzjoni lill-assi ereditarju ta' Giuseppe Agius u porzjon lill-assi ereditarju ta' Maria Concetta Agius;

3. Tillikwida l-assi ereditarju ta' Giuseppe Agius billi jigi dikjarat li jikkonsisti f'nofs l-assi tal-komunjoni kif likwidat u f'dawk il-beni parafernali li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

4. Tiddividi l-assi ereditarju ta' Giuseppe Agius kif likwidat skond id-disposizzjonijiet testamentarji tieghu wara li jkunu gew assenjati l-prelegati;

5. Tillikwida l-assi ereditarju ta' Maria Concetta Agius billi jigi dikjarat li jikkonsisti f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti kif likwidata u dawk il-beni parafernali li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

6. Tiddividi mill-assi ereditarju ta' Maria Concetta Agius u tassenja bejn il-kontendenti werrieta skond id-diversi disposizzjonijiet testamentarji li hija ghamlet fit-testamenti minnha maghmula; u

7. Tinnomina Nutar biex jippubblika l-att opportun tal-likwidazzjoni u divizjoni fil-hin, lok u jum li jigu iffissati minn din il-Qorti u kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-atturi.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

Li huma qatt ma kienu opposti ghal-likwidazzjoni gusta u shiha tal-wirt tal-genituri tal-konvenuta Paolina biex dina tkun tista' tiehu sehemha skond it-testment ta' missierha u biex skond ma jirrizulta minn dik il-likwidazzjoni tiddeciedi taccettax l-eredita` jew biss il-legittima mill-assi ta' ommha.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti prezentati mill-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Illi fl-10 ta' Settembru 1975 gie nominat Dr. Joseph Ciappara bhala perit legali u fis-27 ta' April 1977 gie nomina il-Perit Richard Aquilina bhala perit arkitett.

Rat illi fit-23 ta' Gunju 1999 Dr. Paul Gauci Maistre gie nominat Perit Legali biex jissostitwixxi lil Dr. Joseph Ciappara.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Paul Gauci Maistre bl-assistenza tal-Perit Arkitett Richard Aquilina.

Rat li nzammu 35 seduta.

Rat l-elenku tas-sostanzi immobiljari a fol 12 u 13 tar-rapport.

Rat il-kunsiderazzjonijiet u sottomissjonijiet tal-kaz kif jirrizulta a fol 199 *et sequitur* tal-process.

Rat il-kwoti ta' l-eredi skond it-tliet testmenti a fol 210 *et*, kif ukoll il-likwidazzjoni a fol 212.

Rat l-ezami akkurat dwar l-eredita` ta' Giuseppe Agius a fol 213 *et* u ta' Maria Concetta Agius a fol 216 *et*.

Rat il-konkluzjoni tal-Perit Legali Dr. Paul Gauci Maistre bl-assistenza tal-Perit Arkitett Richard Aquilina a fol 225 *et* li qed jigu riprodotti hawn taht:
“Ghaldaqstant it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu milqugha b’dan illi:

1. Il-komunjoni ezistenti bejn l-imsemmija konjugi Agius kienet tikkomprendi fis-segwenti assi:

**Immobbli**

| | | |
|---|---|---|
| 44 (gia 125) Fleet Street, Gzira | | Lm50,000 |
| 118 (qabel 88) St Albert Street, (qabel Belvedere Street) Gzira | | Lm5,000 |
| 120 (qabel 87) St Albert Street (qabel Belvedere Street) Gzira | | Lm7,500 |
| 27 u 28 Belvedere Street, Gzira | | Lm35,000 |
| 60 Ponsomby Street, Gzira | | Lm40,000 |
| 61 Ponsomby, Street, Gzira | | Lm20,000 |
| Total skond stima RA1 | **€366876** | **Lm157,500** |

**1/3 ta’ l-avvjament u tal-merkanzija** tal-hanut ta’ l-arloggi fi Strada Britannia numru 38 kif stmat fid-denunzja numru 2189/49 ta’ Giuseppe Agius. **€13601 Lm5,839**

l-inkwilinat tal-fond 163 Britannia Street li dak iz-zmien kien totalment distrutt bil-gwerra.

L-assi l-ohra konsistenti fi flus kontanti u assi mobbiljari li kienu soggetti ghall-uzufrutt ta’ Maria Concetta Agius jidher illi diga` ttiehdu mentri fir-rigward ta’ (a) *utile dominium temporaneo* ghar-rimanenti circa 11-il sena tad-dar Valletta numru 138A (illum 163) Britannia Streeet; (b) sub-dirett *dominium temporaneo* cens ta’ Lm1.15 fuq il-fond 137A Britannia Street, Valletta li fadal ta’ 11-il sena;

(c) sub-dirett dominju temporanju ghal circa 11-il sena li fadal annwu ta' Lm3 gravanti l-fond 138 Britannia Street, Valletta; (d) sub-dirett dominju temporanju ghal circa 11-il sena li fadal u annwu ta' Lm1.15 gravanti l-fond 139 Britannia Street, Valletta m'ghandhom ebda valur kif jirrizulta mill-Causa Mortis numru 2189/49 ta' Giuseppe Agius.

2. Din il-komunjoni kif fuq likwidata fl-ammont ta' €380477 (Lm163,339 – Lm157,00 *[recte Lm157,500]* + Lm5839) ghandha tigi diviza f'zewg porzjonijiet ugwali ta' €190239 (Lm81,669.50) li jigu assenjati porzjoni lill-assi ereditarju ta' Giuseppe Agius u porzjoni lill-assi ereditarju ta' Maria Concetta Agius;

3. L-assi ereditarji ta' Giuseppe Agius jikkonsistu f'nofs l-assi tal-komunjoni peress illi ma jirrizultaw ebda beni parafernali li jikkomprendu nofs il-proprjeta` immobiljari u l-avvjament u *stock* tan-negozju fuq imsemmi bil-valur ta' €190239 (Lm81,669.50).

4. L-assi ereditarji ta' Giuseppe Agius kif likwidat ghandu jigi diviz billi kull eredi jiehu 1/14 tal-proprjeta` immobiljari u l-avvjament u *stock* tan-negozju fuq imsemmi bil-valur ta' €27177 (Lm11,667.07);

5. L-assi ereditarji ta' Maria Concetta Agius ghandhom jigu likwidati u dikjarati bhala konsistenti f'nofs l-assi tal-komunjoni tal-proprjeta` immobbiljari u 74 Islets Prominade Bugibba fl-intier tieghu li gie stmat fl-ammont ta' €58234 (Lm25,000) bil-valur komplessiv ta' €241672 (Lm103,750).

6. L-assi ereditarji ta' Maria Concetta Agius kif likwidat ghandu jigi diviz billi kull eredi jiehu 1/14 tal-proprjeta` immobiljari fuq imsemmija li kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u 1/7 mill-fond 74 Islets Prominade Bugibba bil-valur ta' €34525 (Lm14,821.42);

Inoltre jridu jsiru l-ekwiparazzjonijiet skond il-konteggi kif spjegat fid-dokument PGM billi George Agius jiehu €2506 (Lm1076), is-successuri ta' Joseph Agius jiehdu €2623

(Lm1126), is-successuri ta' Carmela Agius jiehdu €2390 (Lm1026), Anthony Agius ghandu jaghti €568 (Lm244), is-successuri ta' Mary Agius ghandhom jiehdu €2390 (Lm1026), Efrestina Agius ghandha tieghu €4458 (Lm1914) u s-successuri ta' Paolina Buttigieg ghandhom jaghtu €4458 (Lm2098). L-ammonti li jinsabu depositati fil-BOV *Fixed Account No*. 40015605670 u fil-BOV *Savings Account No*. 40012984048 ghandhom jinqasmu ugwalment bejn l-eredi.

Effrestina Agius ghandha tirrifondi l-kera kollha li gabret mill-1983. Wara li jitnaqqsu c-cnus l-ammont likwidat ta' €4225 (Lm1813.75) (ara pagna 46 ta' din ir-relazzjoni) ghandu jinqasam ugwalment bejn l-eredi.

7. Rigward is-seba' talba l-esponent huwa tal-fehma li mhux possibbli li l-proprjeta` immobbiljari tigi diviza u ghaldaqstant it-talba biex jigi nominat Nutar biex jippubblika l-att opportun tal-likwidazzjoni u divizjoni fil-hin, lok u jum li jigu iffissati minn din il-Qorti u kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci ma tistax tigi milqugha."

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina (a fol 231 *et*) li minnha jirrizulta li l-Perit Aquilina spezzjona l-fondi in kwistjoni, ghamel deskrizzjoni taghhom u ghamel stima taghhom kif imsemmi hawn taht:

| | |
|---|---|
| 44, Fleet Street, Gzira | Lm50,000 |
| 118, St Albert Street, Gzira | Lm 5,000 |
| 120, St Albert Street Gzira | Lm 7,500 |
| 27/28, Belvedere Street, Gzira | Lm35,000 |
| 60, Ponsomby Street, Gzira | Lm40,000 |
| 61, Ponsomby Street, Gzira | Lm20,000 |
| 74, Islets Promenade, Bugibba | Lm25,000 |

Rat li fid-9 ta' Frar 2009 il-konvenuti irrinunzjaw ghan-nota taghhom ghall-periti addizzjonali.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi fin-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-atturi Theresa armla ta' Giuseppe Agius, Joseph, Marie Louise mart Joseph Grech u Josephine mart George Abela issottomettew illi l-

fondi okkupati mill-attrici Theresa Agius bhala ko-eredi jew flimkien ma’ uliedha jekk ikun il-kaz ghandhom jigu assenjati lilha u ssir l-ekwiparazzjoni skond il-ligi favur il-ko-eredi l-ohra u mhux licitazzjoni bir-riskju reali li Theresa Agus tkun tista’ titlef ir-residenza taghha fl-eta` venerabbli taghha b’effetti dizastruzi. Din Theresa Agius, fil-fehma taghha, tiddetjeni b’titolu ta’ lokazzjoni t-terran u mezzanin sovrappost 27, 28 Belvedere Street, Gzira soggetti ghac-cens annwu u perpetwu ta’ Lm3, u thallas il-kera rispettiva ghaz-zewg fondi li gew minfudin ta’ Lm10 u Lm14 fis-sena (ara pagna 12 tar-rapport peritali).

Il-konvenuti ma qablux mas-sottomissjoni ta’ l-atturi msemmija fin-nota taghhom u riportata fil-paragrafu precedenti. Infatti l-konvenuti ma qablux mal-assenjazzjoni tal-fondi 27, 28 Belvedere Street, Griza lil Theresa Agius minhabba li l-valur attribwit huwa ferm baxx u ma jirrispekkjax il-valuri rejali fuq is-suq. Fil-fehma taghhom issir ingustizzja maghhom u mal-atturi l-ohra minhabba l-valur baxx li kien inghata lill-fondi, waqt li bil-licitazzjoni jigi ottenut l-ahjar prezz.

Ta’ min isemmi li t-titolu ta’ lokazzjoni vantat minn Theresa Agius huwa kontestat mill-konvenuti. Certament li fl-istadju tan-nota ta' sottomissjonijiet ma huwiex il-lok fejn uhud mill-atturi bhal Theresa Agius jippruvaw isostnu xi lokazzjoni fuq xi wahda mill-fondi in divizjoni. Infatti l-konvenuti sostnew li dawn il-fondi gew okkupati mill-membri tal-familja u qed jigu detenuti minghajr titolu. Huwa ghalhekk li l-konvenuti insistew li l-fondi kollha appartenenti lill-ereditajiet ghandhom jigu mibjugha in licitazzjoni kif deskritti fil-konkluzjonijiet peritali (salv ir-rizerva dwar il-valur fuq imsemmija) u li ma jistghux jigu kunsidrati pretensjonijiet ta’ lokazzjoni li ma jirrizultawx mill-atti kif cerzjorati mir-relazzjonijiet tal-Periti Gudizzjarji ghaliex dan ikun ifisser li ser jinfetah mill-gdid id-dibattitu fil-meritu dwar il-konsistenza ta’ l-assi.

Mir-rapport tal-perit legali a fol 9 tal-process jirrizulta, b’riferenza ghas-seduta tal-25 ta’ Settembru 2003 (paragrafu 26) “il-partijiet iddiskutew il-kontenut tar-rapport tal-perit tekniku u ikkunsidraw il-possibbilta` li min qed

jokkupa l-proprjeta` tigi assenjata lilu dik il-prorpjeta` bl-ekwiparazzjoni skond il-ligi”. Dan jirrizulta wkoll mill-verbal ta’ l-istess seduta a fol 296 tal-process. Izda jidher car li din il-possibbilta` kienet biss diskussa u ma ntlahaqx ftehim. Il-fatt jekk jezistix titolu ta’ lokazzjoni ma giex sufficjentement ippruvat u hemm l-aspett li irreferew ghalih il-konvenuti dwar il-valur tal-prorpjeta`. Infatti l-Perit Arkitett kien ghamel l-istimi tieghu snin ilu u ghalhekk il-valuri (ghalkemm mhux il-kwoti) possibbilment setghu gew affettwati konsiderevolment. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tilqa’ t-talba ta’ l-atturi kif formulata fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet.

Ukoll, fin-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti saret referenza ghall-fatt tat-tlett ihwienet ilkoll ta’ l-arloggi fil-Belt, minn fejn kien hemm qligh sostanzjali. Kien hemm profitt kull sena u n-negozju kien tant sejjer tajjeb li sahansitra kien hemm l-impjegati wkoll. Sostnew li kien hemm *stock* qawwi ta’ merkanzija, li l-hwienet kellhom klijentela tajba u naturalment *stock* qawwi. Ghalhekk il-konvenuti sostnew li ma jaqblux mal-konkluzjoni peritali fis-sens li huma ghandhom ihallsu xi somma ta’ flus *in via* ta’ ekwiparazzjoni ghax sostnew li huma kredituri u mhux debituri. Fil-fatt il-Perit Legali kien wasal ghall-konkluzjoni li ma ngabux provi konkreti u ghalhekk kien injora dan l-aspett, u strah unikament dak dikjarat fid-denunzja tas-successjoni. Jinghad li d-denunzja fil-fatt ma saritx mill-konvenuta. Fin-nota taghha l-konvenuta sostniet li messu gie assenjat *arbitrio boni viri* valur xieraq ulterjuri minn dak dikjarat fid-denunzja. Il-Qorti ma tistax tilqa’ din it-talba minhabba li ma hemmx provi sufficjenti dwar dan.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Riferibbilment ghat-talbiet attrici, il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-Perit Legali a fol 228 u 229 tal-process u ghalhekk qed taghmel taghha dawk il-paragrafi u a skans ta’ ekwivoku qed tirrepeti l-istess:

“4. L-assi ereditarji ta’ Giuseppe Agius kif likwidat ghandu jigi diviz billi kull eredi jiehu 1/14 tal-proprjeta` immobiljari u l-avvjament u *stock* tan-negozju fuq imsemmi bil-valur ta’ €27177 (Lm11,667.07);

5. L-assi ereditarji ta’ Maria Concetta Agius ghandhom jigu likwidati u dikjarati bhala konsistenti f’nofs l-assi tal-komunjoni tal-proprjeta` immobbiljari u 74 Islets Prominade Bugibba fl-intier tieghu li gie stmat fl-ammont ta’ €58234 (Lm25,000) bil-valur komplessiv ta’ €241672 (Lm103,750).

6. L-assi ereditarji ta’ Maria Concetta Agius kif likwidat ghandu jigi diviz billi kull eredi jiehu 1/14 tal-proprjeta` immobiljari fuq imsemmija li kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u 1/7 mill-fond 74 Islets Prominade Bugibba bil-valur ta’ €34525 (Lm14,821.42);

Inoltre jridu jsiru l-ekwiparazzjonijiet skond il-konteggi kif spjegat fid-dokument PGM billi George Agius jiehu €2506 (Lm1076), is-successuri ta’ Joseph Agius jiehdu €2623 (Lm1126), is-successuri ta’ Carmela Agius jiehdu €2390 (Lm1026), Anthony Agius ghandu jaghti €568 (Lm244), is-successuri ta’ Mary Agius ghandhom jiehdu €2390 (Lm1026), Efrestina Agius ghandha tieghu €4458 (Lm1914) u s-successuri ta’ Paolina Buttigieg ghandhom jaghtu €4458 (Lm2098). L-ammonti li jinsabu depositati fil-BOV *Fixed Account No*. 40015605670 u fil-BOV *Savings Account No*. 40012984048 ghandhom jinqasmu ugwalment bejn l-eredi.

Effrestina Agius ghandha tirrifondi l-kera kollha li gabret mill-1983. Wara li jitnaqqsu c-cnus l-ammont likwidat ta’ €4225 (Lm1813.75) (ara pagna 46 ta’ din ir-relazzjoni) ghandu jinqasam ugwalment bejn l-eredi.

7. Rigward is-seba’ talba l-esponent huwa tal-fehma li mhux possibbli li l-proprjeta` immobbiljari tigi diviza u ghaldaqstant it-talba biex jigi nominat Nutar biex jippubblika l-att opportun tal-likwidazzjoni u divizjoni fil-hin, lok u jum li jigu iffissati minn din il-Qorti u kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci ma tistax tigi milqugha.”

Illi peress li l-fondi mhux komodament divizibbli l-Qorti qed tordna l-bejgh in licitazzjoni tal-fondi kollha u li in segwitu kulhadd jiehu l-porzjoni tieghu kif hawn fuq imsemmi,

anke jekk dawk l-ammonti jizdiedu jew jonqsu, izda li dejjem il-kwoti jibqghu bil-mod kif imsemmi.

Spejjez dejjem skond il-kwoti fuq imsemmija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------